MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 976/2005

**Sonlit Limited**

**vs**

**Joseph u Simone Zahra**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u erbatax –il Lira Maltija (Lm614.00), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' apparat mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Marzu 2005 u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici ipprezentata fis-27 ta’ Mejju 2005 fejn hija irriduciet it-talba taghha ghal hames mija sebgha u disghin Liri Maltin (Lm597.00).

Ra li l-konvenut deher fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2005, fejn ammetta it-talbiet attrici kif ridotti u iddikjara li l-ammissjoni kienet qed issir ukoll ghan-nom tal-konvenuta Simone Zahra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici kif ridotti u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija sebgha u disghin Liri Maltin (Lm597.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------